MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2007

Talba Numru. 1297/2005

**George Galea**

**vs**

**Doris Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenuta thallsu s-somma ta’ elf mitejn u erbghin Lira Maltin (LM1,240) rapprezentanti din is-somma bilanc akbar, self maghmul mill-attur, kif jirrizulta minn skrittura annessa mat-talba.

Bl-ispejjez u l-imghax inkluz dawk tal-mandat kawtelatorju u l-konvenuta ngunta ghas subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta Doris Vella fejn gie sollevat illi l-ammont mitlub mhuwiex dovut u t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghas-segwenti ragunijiet:

1. Preliminarjament illi saru pagamenti f'ammonti akbar minn hames mija u sittin Lira Maltin (LNM560) kif pretiz mill-attur u allura l-ammont rimanenti mhux dak mitlub.

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju illi l-ammont riklamat a bazi tal-iskrittura tal-25 ta' Awissu, 2003 mhux dovut stante illi jinkludi imghaxijiet illi mhux dovuti bil-ligi u allura l-bazi ta' din l-azzjoni hija illecita u illegali.

3. Fit-tielet lok u ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi l-attur jipposjedi bicciet tad-deheb li jikkonsistu f'gizirana, dudu u par imsielet li jaghmlu tajjeb ghal kull bilanc li jista' jkun ghadu dovut ai termini tar-raba paragrafu tal-istess skrittura, b'dan illi t-talba ghall-hlas kieku akkordata tpoggi lill-attur f'posizzjoni li jkun thallas aktar milli jmissu (unjustified enrichment) una volta illi zamm l-istess oggetti ghandu bhala rahan u mhux qed jigu mitluba lura f'dan l-istadju mill-esponenta.

4. Salv eccezzjonijet ohra.

Bl-Ispejjez kollha kontra l-attur li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Sema' x-xhieda ta George Galea, Doris Vella, Dr Jose' Herrera, Bernard Zarb, Ray Bonnici u Kevin Borg.

Ra l-affidavit ipprezentat mill-Avukat Ian Spiteri Bailey u ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-Atti tal-kawza;

Ra n-Noti ta' riferenza taz-zewg partijiet;

Sema' t-trattazjoni taz-zewg partijiet;

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza titratta dwar hlas lura ta' flus moghtija bhala self skond skrittura privata ezebita bhala Dok. A mall-Avviz datata 25 ta' Awissu, 2003. It-Tribunal ghandu jiddeciedi jekk saru pagamenti f'ammonti akbar minn hames mija u sitting Liri Maltin (LM560.00), jekk dan is-self kienx soggett ghal hlas ta' mghaxijiet illi mhumiex dovuti bill-ligi u allura l-bazi ta' din l-azzjoni hija illecita u illegali u jekk xi bicciet tad-deheb depozitat mall-attur skond l-iskrittura privata iffirmata miz-zewg partijjiet jaghmlux tajjeb ghal kull bilanc li jista' jkun ghadu dovut.

Illi skond l-iskrittura privata datat 25 ta' Awissu, 2003 bejn il-partijiet, l-attur sellef lill-konvenuta s-somma ta' elf u tmien mija Liri Maltin (LM1,800.00) u li kellha tithallas lura b'pagamenti mensili ta' sittin Liri Maltin (LM60.00). Is-self kien sar xi ftit xhur qabel id-data tal-iskrittura.

L-Attur kien zamm fil-pussess tieghu gizirana, dudu u par imsielet bhala rahan, bil-kundizzjoni illi jekk ikun hemm nuqqas ta' pagament ta' zewg skadenzi jew l-ekwivalenti taghhom dawn jghaddu f'idejn il-kreditur.

L-attur xehed illi huwa silef s-somma ta’ elf u tmien mija Liri Maltin (LM1,800.00) minghajr imghax u l-konvenuta kienet hallsitu is-somma ta’ hames mija u sitting Liri Maltin (LM560.00) minn dan is-self. Qal ukoll illi l-ammont ta’ elf u tmien mija Liri Maltin (LM1,800.00) kien selifhom lill-konvenuta xi tlieta jew erba’ xhur qabel ma saret l-iskrittura privata. Rigward l-ammonti mhallsa qabel l-iskrittura l-attur jikkonferma li xi hlasijiet kienu saru qabel id-data tal-iskrittura.

Il-konvenuta tghid illi hija kienet irceviet is-somma ta’ sitt mitt Lira Maltin (LM600.00) mill-attur u kienet thallsu mija u hamsin Lira Maltin (Lm150.00) fix-xahar. Din is-somma ta’ sitt mitt Lira Maltin (LM600.00) kienet irceviethom qabel ma saret l-iskrittura. L-Iskrittura kienet saret fuq parir li ittiehed mill-Ispettur tal-Pulizija. Dan il-ftehim kien sar quddiem id-difensur tal-attur. Hija qalet li kienet imgieghla tiffirma self fl-ammont ta’ elf u tmien mija Liri Maltin (LM1,800.00) u hassitha mhedda mill-attur sabiex tiffirma.Ix-Xhud qalet ukoll illi hija kienet issellfet l-ammont ta’ sitt mitt Lira Maltin (LM600.00) xi sena qabel ma sar il-ftehim fil-25 ta’ Awissu, 2003. Spjegat ukoll kif waqt l-iffirmar ta l-iskrittura ma kienux ghaddew flus.

Fix-xhieda tal-Avukat Herrera huwa jsostni lli l-iffirma sar b’mod kordjali minghajr ebda protesti.

Mix-xhieda dokumentali ipprezentata mill-konvenuta hemm ezebit illi hija kienet ghamlet hlas ta’ hames mija u sitting Liri Maltin (LM560.00) lill-attur bejn l-10 ta’ Settembru, 2003 sal-21 ta’ Settembru, 2004 li l-atur ikkonferma. Skond xhieda dokumentali hemm hlasijiet ta’ tlett mitt Lira Malitn (LM300.00) f’zewg pagamenti ta’ mija u hamsin Lira Maltin (LM150.00) kull wiehed qabel id-data tal-iffirmar tal-iskrittura privata u cioe’ fil 22 ta’ Mejju u fil-

15 ta’ Lulju, 2003 bil-firma tal-attur u kienet ghamlet allegati hlasijiet lil certu Tunnu li inghad illi huwa l-laqam li bih huwa maghruf l-attur li ukoll gew ezebiti. Dawn il-hlasijiet tal-ahhar kienu bla data.

Skond ix-xhieda tal-Ispettur Bernard Zarb li kien stazzjonat mall-Economical Crime Unit jghid illi l-antagonizmu ma kienx bejn il-partijiet izda bejn l-attur u Raymond Bonnici sieheb il-konvenuta. Hu ma ftakarx jekk kienx issemma xi ammont bejn il-partijiet.

Skond ix-xhieda ta’ Raymond Bonnici sieheb il-konvenuta jghid illi huwa qatt ma kien dahal f’xi negozju mall-attur u spjega kif l-imghax kien gholi. Hu sostna lli Doris Vella kienet selfet sitt mitt Lira Maltin (Lm600.00) u l-attur kien qed jippretendi l-imghax bil-25 fil-mija. Xehed ukoll kif hu kien silef ammont minn ghand l-attur bir-rata tal-imghax ta’ hamsa u ghoxrin fil-mija.

Skond xhieda tal-Ispettur Kevin Borg huwa kkonferma lli kien jaf kemm lill-attur u kemm lill-Raymenod Bonnici sieheb l-attur u kkonferma lli dawn iz-zewg persuni kienu dahlu f’negozju bejn xulxin.

Fil-fehma tat-Tribunal dan in-negozju kien gie negat mix-xhud Raymond Bonnici. Hu jghid ukoll illi fl-investigazzjonijiet li kellu jaghmel fil-konfront ta’ Bonnici u l-attur qatt ma kien instemgha l-isem tal-konevnuta.

Illi din l-iskrittura giet iffirmata quddiem Dr Jose’ Herrera u fi kliem tal-Avukat difensur tal-attur ma kien hemm ebda protesti minn naha ta’ Doris Vella ghalkemm il-konvenuta

tghid illi hija hassitha mheddha u ghalhekk iffirmat l-iskrittura.

Illi It-Tribunal jirrileva li trattandsoi ta' zewg verzjonijiet konfliggenti, jkollu jirreferi u joqghod fuq id-deposizzjonijiet kontrastanti moghtija mill-partijiet u jestendi l-indagini tieghu fuq il-provi dokumentali li ghandhom iwassluh ghas-soluzzjoni gusta tal-vertenza.

Illi fil-fehma tat-Tribunal il-konvenuta ma gabietx provi bizzejjed lit-Tribunal illi l-iskrittura tal-2003 hija bbazata fuq kawza llecita li tmur kontra l-ordni pubblika stante illi tinkorpora fiha imghaxijiet ghola minn dawk permessi mill-ligi'

Minn analizi tax-xhieda konfliggenti u evalwazzjoni tal-provi esebiti, t-Tribunal jasal ghal konkluzzjoni lli galadarba ghandu quddiemu skrittura privata ffirmata bi qbil minn zewg nahat u bla ebda protesti min-naha tal-konvenuta huwa ha jkollu jiehu konjizzoni ta' pagamenti li saru wara l-iskrittura tal-25 ta' Awissu, 2003.

Huwa minnu li saru xi pagamenti qabel id-data tal-iskrittura, izda dawn ma jidhrux li kienu parti mis-self indikat fl-iskrittura privata datata 25 ta' Awissu, 2003. Fil-fehma tat-Tribunal jekk saru xi pagamenti mill-konvenuta lill-attur qabel id-data tal-iskrittura privata, liema ammonti kellhom x'jaqsmu ma l-istess self, dawn il-pagamenti kellhom jitnizzlu fl-iskrittura.

Illi *in* konkluzzjoni t-Tribunal jidhirlu lli l-ammont riklamat ma jinkludix imghaxijiet illi mhumiex dovuti bil-ligi u ghalhekk il-konvenuta ghandha thallas l-ammont ta' elf u

mittejn u erbghin Lira Maltin (LM1,240.00) mitlub mill-attur.

Illi fir-rigward ta' bicciet tad-deheb li jinsabu fil-pussess tal-attur it-Tribunal huwa tal-fehma lli dan id-deheb ma jaghmilx tajjeb ghal kull bilanc li jista' jkun ghadu dovut u fil-mument li jigi saldat l-ammont dovut mill-konvenuta id-deheb ghandu jigi ritornat lilha, kif del resto gie dikjarat mill-attur stess seduta stante

Ghar-ragunijiet fuq moghtija it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur in kwantu lli jikkundanna l-konvenuta thallsu s-somma ta' elf, mitejn u erbghin Lira Maltin (LM1,240) fil-waqt illi jordna lill-attur jirrendi lura lill-konvenuta il-bicciet tad-deheb li jinsabu fil-pussess tieghu fil-mument li jigi saldat l-ammont mitlub.

Spejjez a karigu taz-zewg partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------